# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 819/97

Carmelo Borg

vs

Tabib Principali tal-Gvern

Illum 11 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja in konsegwenza ta' transfer li nghata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent dahal mal-gvern fis-sena 1967 fid-Dipartiment tas-Sahha bhala Health Auxiliary.

2. Illi l-unici promozzjonijiet li ha kienu primarjament dak ta' ambulance driver u dik fil-bidu tas-sena 1987 meta lahaq supervisor fil-garaxx ta' l-ambulanzi.

3. Illi precizament fid-9 ta' Gunju 1987 ir-rikorrent inghata transfer ghal mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, minghajr ebda raguni bil-konsegwenza li tilef id-dritt li kellu qabel ghall-shift allowance.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi r-rikorrent kien appuntat Supervisor fil-garaxx ta' l-ambulanzi fl-1 ta' Dicembru 1981 u mhux kif jallega hu fil-bidu tas-sena 1987.

Illi rigward it-transfer li nghata, tali transfer sar bl-approvazzjoni tal-Management and Personnel Office kif hi l-procedura u kif soltu jsir. Di piu` tali transfer inghata skond l-esigenzi tas-servizz dak inhar li nghata.

Ghaldaqstant l-intimat fil-waqt li gab il-premess a formali konjizzjoni ta' dan it-Tribunal talab li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Dahal bhala fattiga u ghamel ghaxar snin jahdem bhala fattiga go Mount Carmel. Wara talab trasferiment lejn Has-Serh u dan kien talbu biex ikun aktar vicin ghar-rotta tal-karozza tal-linja. Wara xi sena u nofs jew sentejn talab transfer lejn il-garage ta' l-ambulanzi, dejjem ma' l-istess dipartiment. Wara ftit sar ambulance driver. Xi sena u nofs wara lahaq supervisor - fl-1981. Bejn l-1981 u l-1987 dejjem hadem tajjeb, b'efficjenza u ma

kienx hemm tgergir. Kien ghal qalbu hafna hemm u kien jahdem 46 siegha fil-gimgha. Meta kien jinzerta xoghol, il-Hdud u l-Festi kien jithallas aktar. Ghall-Hdud kien jithallas id-doppju u ghall-festi t-tripplu. Baqa' jahdem b'dan il-mod sad-9 ta' Gunju 1987.

Xahar wara l-elezzjoni kellmu Tommy Cordina, li dak iz-zmien kien il-kbir taghhom fil-garage ta' l-ambulanzi u qallu: "Jiddispjacini hafna. Ha naghtik din il-karta. Mur biha l-Ghammieri u sib lil Dr. Scicluna-Spiteri li kien il-kbir ta' l-Ghammieri peress li gejt trasferit ghal hemm." Qallu wkoll li kien jiddispjacih u li din id-decizjoni ma gietx minnu pero' minn dawk ta' fuqu. Qallu li minn naha tieghu hu ma kellux ghalfejn igerger fuqu. Kellu jmur fejn baghtuh u xogholu sar coach driver ma' l-istudenti. Il-paga baqghet l-istess pero' billi beda jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha biss spiccawlu x-shift allowance u l-hdud. Ikkalkula li tilef madwar Lm75 fix-xahar. Dam jahdem l-Ghammieri ghal perjodu ta' disa snin. B'kollox jikkalkula li tilef mat-Lm8,000 f'dak il-perjodu. Gie trasferit lura fl-1996.

Zied li postu fil-garage ta' l-ambulanzi kien hadulu certu Anthony Piscopo. Dan ma kellux aktar kwalifiki jew esperjenza minnu u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn kellu jigi prefrit minnu ghax-xoghol fil-garage ta' l-ambulanzi. Anzi Piscopo, qabel ma hadlu postu kien jahdem mal-Ghammieiri u kien isuq il-gaffa biex inaddaf il-hmieg ta' l-annimali.

Ir-rikorrent in kontro ezami xehed li l-Ghammieri qatt ma ghamel overtime. Semma li meta kellem lil Dr. Anthony Scicluna Spiteri

dan kien qallu li hu ma kien ircieva xejn u ghalhekk jista` jirritorna lura. Kien mar lura l-garaxx tal-ambulanzi fejn ghamel gimgha jhares pero` regghet giet ordni minghand is-Sur Cordina u kellu jerga' jmur ghand Dr. Scicluna Spiteri. Dan kien qallu li dak li telaq minfloku kien inaddaf il-hmieg tal-annimali u allura jkollu jaghmel l-istess haga. Beda hekk izda wara xi ftit zmien imbaghad kien qallu jekk iridx jiehu hsieb johrog il-coach bl-istudenti u r-rikorrent irrispondejtu li iva.

Il-Prof. Anthony Scicluna Spiteri xehed li fl-1987 kien il-kap tal-Ghammieri u ftakar lir-rikorrent li qallu li hu kien ambulance driver pero` gie trasferit hemmhekk. Kellu l-impressjoni li lir-rikorrent poggih fil-workshop kemm biex jaghmel xoghol fuq il-vetturi kif ukoll biex isuq, hemmhekk. Deherlu li kien isuq mini-bus tal-istudenti.

Thomas Cordina xehed li mill-1986 sal-1988 kien in charge mis-sezzjoni tat-transport fid-Dipartiment tas-Sahha – specifikament in charge mill-ambulanzi, mill-karozzi tal-community care u karozzi ohrajn li kienu jigu jissewwew fil-garaxx taghna wkoll. Semma li jiftakar lir-rikorrent u dan kien driver ma' Tal-Ferha Estate bi Transit li kienet a dispozizzjoni tal-pazjenti, jaqdihom u jgibilhom il-medicini. Ftakar li zmien minnhom kien gie trasferit imma r-raguni ghaliex ikun gie trasferit ma jafhiex. Qatt ma kellu ilmenti dwar ir-rikorrent. Lil Anthony Piscopo ma ftakrux.

**KONKLUZ JONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrent li kien jahdem mill-1981 bhala supervisor fil-garage tal-ambulanzi u qatt ma kien hemm ilmenti dwar ix-xoghol tieghu, xahar wara l-elezzjonijiet generali tal-1987 gie trasferit biex jahdem l-Ghammieri ghall-ewwel biex inaddaf il-hmieg tal-annimali izda wara ftit zmien biex isuq mini bus hemm. Minfloku ntbaghat Anthony Micallef mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Kawza ta' dan tilef hafna hlasijiet ta' allowances li skond ir-rikorrent kienu jammontaw ghal xi LM75 fix-xahar ghal disa' snin ossia cirka tmint elef lira.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Raguni ghaliex sar it-trasferiment ma nghatatx mill-intimat. Huwa veru li l-Gvern mhux marbut li jzomm persuna fuq is-shift u li jaghtih is-shift allowance u certament kellu d-dritt li jwaqqaf ix-shift jekk ma kellux bzonn is-servizz tax-shift. Izda fil-kaz in ezami tnehha minghajr raguni r-rikorrent li kien impjegat bhala driver u tpogga minfloku Micallef li gie minn Dipartiment iehor fejn kien jahdem xoghol iehor biex jaghmel hu x-xoghol ta' driver bis-shift. Hu ovvju li dan jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394.

Fil-kawza deciza mit-Tribunal fl-20 ta' April, 1998 fl-ismijiet Mario Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern it-Tribunal qal:

"Mill-ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li hafna persuni li gew trasferiti ghall-garage ta' l-ambulanzi ma kienux drivers izda Hospital Auxiliaries, Technical Officers, Boiler Attendant, Skilled Labourer, Watchman u hadu post nies li kienu drivers. Dan it-Tribunal certament ihoss li saret ingustizzja ma' min kien driver u gie sostitwit bhala driver minn persuni li kienu fil-kategoriji imsemmija hawn fuq.

Ukoll dan it-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni fejn jghid li transfer ma ghandux isir jekk ma jkunx hemm ragunijiet validi ghalih u certament ma ghandux isir minghajr certu formalitajiet. Ihoss li d-dinjita' umana ta' impjegat titlob li transfer isir bil-miktub u fuq firma ta' kap ta' Dipartiment u li fih ikun hemm indikati l-motivi ghala sar it-transfer. Dan

inaqqas il-possibilta' li transfer jinghata minghajr ma jkun gustifikat."

Il-fatt li transfer isir bl-approvazzjoni tal-MPO kif eccipit mill-intimat ma jfissirx li ma jistax jigi ezaminat mit-Tribunal. Li kieku din kellha tkun bazi ta' eccezzjoni l-ligi kienet tghid dan espressament izda ma hemm ebda parti tal-ligi f'dan is-sens. Inoltre qatt ma ntqal mill-intimat x'ezigenzi tas-servizz kien hemm f'dan it-transfer.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat li t-transfer sar skond it-terms of appointment, l-ezigenza tas-servizz u l-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku. Dawn veru li huma principji stabbiliti u li jintitolaw lill-Gvern li jaghmel it-transfers necessarji, izda tali transfers iridu jsiru skond il-procedura korretta u li jkunu verament gustifikati mill-esigenzi tas-servizz u mhux li jitbaghat jaghmel xoghol ta' driver min mhuwiex driver u dak li hu driver ingustament jitlef l-allowances li kien intitolat ghalihom.

Peress li jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent huwa gustifikat, wara li t-Tribunal qis il-fatturi kollha [inkluz li r-rikorrent kien rega' tpogga fuq ix-shift disa' snin wara kif ukoll li fil-fatt ma ghamilx ix-shift li fiha certu strapazz meta fil-fatt ir-rikorrent ma ghamilx dan] jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' tlett elef lira Maltin [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.